# L-ixpakkapjetra

*Guido Lanfranco*

**Ta' sikwit nisimgħu b'din il-ħaxixa. Ngħidulha xpakkapjetra, xkattapjetra, spakkapjetra, varjazzjonijiet ta' l-istess isem. Iżda hawn irrid nagħmilha ċara li dan l-isem mhuwiex speċifiku, jiġifieri ma japplikax għal ħaxixa waħda. Fil-gżejjer tagħna, bħalma ukoll jiġri f'artijiet oħrajn, jeżistu ismijiet li jintużaw għal affarijiet oħra (f'dan il-każ ħxejjex) li għandhom l-istess dehra jew karattru, bejn wieħed u ieħor. Dan jiġri wkoll fil-każ ta' għasafar, ħut, insetti u oħrajn.**

**L-isem ta' xpakkapjetra ġej mit-Taljan, li jfisser litteralment "taqsam il-blat (jew ġebel)". L-Italja ukoll, dan l-isem japplika għal dawk il-ħxejjex li jikbru fi xquq tal-blat jew toqob fil-blat, u li jkunu ċkejknin u baxxi. L-antiki kienu jużaw dan l-isem, f'Malta u barra, għax kienu jaħsbu li dawn il-pjanti kienu jaqsmu l-ġebel, għax kienu jarawhom jikbru fix-xquq. Iżda dawn mhux hekk jagħmlu; jikbru fix-xquq għax isibuhom lesti, mhux għax jagħmluhom huma.**

**Fin-natura kull ħlejqa tikber jew tgħix fejn issib l-inqas kompetizzjoni fost oħrajn, u dawn il-ħxejjex ċkejknin isibu x-xquq lesti fejn pjanti akbar minnhom ma jistgħux jaqbdu art.**

**L-ixpakkapjetra tissemma' meta xi ħadd jgħidlek li għandu bżonn xi biċċa biex jużaha bħala rimedju popolari kontra l-ħaġra jew ġebla tal-kliewi jew tal-awrina. Dan għaliex? Irrid infisser, li fil-mediċina popolari ta' l-imgħoddi, kien hemm sistema li l-Ingliżi jsejħulha *'Doctrine of Signatures'*; bil-Malti, jien nuża din l-espressjoni bħala *'id-Duttrina tax-Xebħ'*. Din is-sistema kienet issostni (għalkemm mingħajr bażi xjentifika) li jekk ħaxixa jew oġġett ieħor għandu xi xebħ lejn xi parti mill-ġisem, din jew dak jistgħu ikunu tajbin bħala rimedju f'mard ta' dak l-organu. Bħala eżempju nistgħu ngħidu, li jekk weraq ikunu jixbħu lill-widna, tajbin kontra mard tal-widna; jekk ħaxixa jkollha meraq ħamrani, tajba kontra mard fid-demm; jew parti minn bebbuxu qisha għajn, tajba kontra mard ta' l-għajnejn!**

**Dawn huma kollha ħmerijiet, iżda fl-imgħoddi ma kinux jafu wisq. L-ixpakkapjetra tikber fix-xquq tal-blat, iżda billi kienu jaħsbu li kienet taqsam il-ġebel, bdew jeħduha mediċina biex taqsam il-ġebla tal-kliewi jew ta' l-awrina! L-Italja l-istess, anzi din id-drawwa kienet waslet Malta minn hemm. Bdew jikbru pjanti ċkejknin mix-xquq tal-ġebel u jsejħulhom xpakkapjetra. Isejħulhom ukoll Xaqq il-Blat, u Sagħtrija. Biex ma jkunx hemm konfużjoni sħiħa fl-ismijiet, wieħed għandu juża isem wieħed għal kull ħaxixa.**

**Issa aħna qed nużaw l-isem Xpakkapjetra għal speċi waħda, li fil-botanika tissejjaħ *Micromeria Microphylla*, għax fil-botanika kull**

ħaxixa għandha isem tekniku biex ikun x'ikun l-isem bil-lingwa popolari, dak xjentifiku jibqa' dejjem l-istess u ma jsirx taħwid.

Tul is-snin li ili nistudja l-ħxejjex, sikwit staqsejt għall-ixpakkapjetra f'irħula differenti biex nara għal liema ħaxixa jintuża, u nista' ngħid li hemm xi tużżana differenti li jsejħulhom l-istess, u ħadd m'hu deċiż fuq waħda!

Għawdex, il-biċċa l-kbira jirreferuni għall-Erika, ħaxixa differenti (*Erica Multiflora*) li ukoll tikber fix-xquq tal-blat. Ukoll hemm l-Arenarja (*Spergularia Rubra*) u l-varjetajiet tagħha, kif ukoll l-*Asperula Longiflora* jew *Cynanchica*.

Madankollu, l-Ixpakkapjetra għandna nużawh biss għal waħda biss, mhux konfużjoni sħiħa. Nużawh għall-*Micromeria Microphylla*, ħaxixa ċkejkna, baxxa, zkuk irqaq ħafna, weraq mill-aktar ċkejknin spazjati sew tul iz-zkuk, u fjuri ċkejknin ukoll, bilkemm jidhru, bajdana fir-roża, li jidhru mix-Xitwa sas-Sajf. Tinsab mal-blat xagħri kollu, qalb bini antik u ċangar u ġebel ta' mogħdijiet u ġnub tal-widien.

L-ispeċi l-oħrajn li ġieli jgħidulhom ukoll xpakkapjetra għandhom ismijiet oħrajn aktar addattati, iżda hawn m'għandix wisgħa biżżejjed biex niddiskutihom ukoll; iżda kollha ssibhom il-Mellieħa....




L-Ixpakkapjetra *(Micromeria microphylla)*